MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-7 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 152/2003

**Helen Spiteri**

**Vs**

**Paul Mercieca**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attrici talbet li l-konvenut jigi kundannat jhallas is-somma ta’ sittax-il elf mija u hames Dollaru Kanadiz u sebgha u disghin centezmu ekwivalenti ghal erbat elef u sitta u ghoxrin Lira Maltija u disgha u erbghin centezmu (Lm4026.49) bir-rata tal-kambju odjerna rapprezentanti flus mill-konvenut appropriati indebitament, a skapitu ta’ l-attrici; bl-imghax skond il-ligi mid-data tal-avviz sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Semghet lill-istess konvenut “seduta stante” jammetti it-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz, skond kif jidher mill-verbal tas-seduta tallum stess;

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa t-talbiet tal-attrici kif dedotti mill-avviz u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici s-somma ta’ Lm4026.49,0 bl-imghax legali mill-11 ta’ Marzu 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

--------------------------------TMIEM--------------------------------